SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

2 ta' Ġunju 2022 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Miżuri dwar id-dritt tas-suċċessjoni – Regolament (UE) Nru 650/2012 – Artikoli 13 u 28 – Validità tad-dikjarazzjoni dwar l-aċċettazzjoni jew ir-rinunzja tas-suċċessjoni – Eredi li għandu r-residenza tiegħu fi Stat Membru differenti minn dak tal-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar is-suċċessjoni – Dikjarazzjoni magħmula quddiem il-qorti tal-Istat Membru tar-residenza abitwali ta' dan l-eredi"

Fil-Kawża C-617/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Hanseatisches Oberlandesgericht in Bremen (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Bremen, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Novembru 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-20 ta' Novembru 2020, fil-proċedura mressqa minn

T.N.,

N.N.

fil-preżenza ta'

E.G.,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn E. Regan, President tal-Awla, I. Jarukaitis, M. Ilešič (Relatur), D. Gratsias u Z. Csehi, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Gvern Spanjol, minn L. Aguilera Ruiz, bħala aġent,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn G. Greco, avvocato dello Stato,

– għall-Kummissjoni Ewropea, inizjalment minn S. Grünheid kif ukoll minn W. Wils u M. Wilderspin, sussegwentement minn S. Grünheid u W. Wils, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2022,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 13 u 28 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni (ĠU 2012, L 201, p. 107, rettifika fil-ĠU L 344, 14.12.2012, p. 3 u fil-ĠU L 60, 2.3.2013, p. 140).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċedura ta' suċċessjoni mibdija minn T.N. u N.N. fir-rigward tat-talba għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' eredità kollettiv relattiv għas-suċċessjoni ta' W.N., li kien żewġ E.G. u z-ziju ta' T.N. u ta' N.N. (iktar 'il quddiem in-"neputijiet tad-*decujus*").

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessi 7, 32 u 67 tar-Regolament Nru 650/2012 jipprovdu:

"(7) Hemm lok li jiġi ffaċilitat it-tħaddim tajjeb tas-suq intern billi jitneħħew l-ostakoli għall-moviment liberu ta' persuni li llum il-ġurnata jiġu affaċċjati b'diffikultajiet biex jimplimentaw id-drittijiet tagħhom fil-kuntest ta' suċċessjoni li għandha implikazzjonijiet transkonfinali. Fiż-żona Ewropea tal-ġustizzja, iċ-ċittadini għandhom ikunu fil-pożizzjoni li jorganizzaw is-suċċessjoni tagħhom bil-quddiem. Id-drittijiet tal-werrieta u l-legatarji, tal-persuni l-oħra qrib tad-deċedut kif ukoll tal-krediturі tas-suċċessjoni għandhom ikunu garantiti b'mod effettiv.

[…]

(32) Sabiex titħaffef il-ħajja tal-eredi u l-legatarji li għandhom ir-residenza abitwali tagħhom fi Stat Membru apparti minn dak li fih is-suċċessjoni qed tiġi jew ser tiġi ttrattata, dan ir-Regolament għandu jħalli lil kwalunkwe persuna intitolata skont il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni tagħmel id-dikjarazzjonijiet dwar l-aċċettazzjoni jew ir-rinunzja għas-suċċessjoni, ta' legat jew ta' sehem riżervat jew dwar il-limitazzjoni tar-responsabbiltajiet tagħha għad-djun skont is-suċċessjoni tagħmel tali dikjarazzjonijiet fil-forma prevista mil-liġi tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tagħha quddiem il-qrati ta' dak l-Istat Membru. Dan ma għandux jipprekludi tali dikjarazzjonijiet milli jsiru

quddiem awtoritajiet oħrajn f'dak l-Istat Membru li huma kompetenti li huma kompetenti biex jirċievu dikjarazzjonijiet taħt il-liġi nazzjonali. Persuni li jagħżlu li jiddisponu ruħhom mill-possibbiltà li jagħmlu dikjarazzjonijiet fl-Istat Membru tar-residenza abitwali tagħhom għandhom huma nfushom jinformaw lill qorti jew lill-awtorità li qed jew tkun ser tittratta s-suċċessjoni bl-eżistenza ta' tali dikjarazzjonijiet fi kwalunkwe żmien stabbilit mil-liġi applikabbli għas-suċċessjoni.

[…]

(67) Sabiex suċċessjoni b'implikazzjonijiet transkonfinali fl-Unjoni tiġi riżolta b'mod rapidu, mingħajr xkiel u effettiv, il-werrieta, il-legatarji, l-eżekuturi testamentarji jew l-amministraturi tal-patrimonju għandhom ikunu jistgħu juru faċilment l-istatus u/jew drittijiet u setgħat tagħhom fi Stat Membru ieħor, bħala eżempju, fi Stat Membru li fih tinsab il-proprjetà tas-suċċessjoni. […]"

4 Il-Kapitolu II ta' dan ir-regolament, dwar il-"Ġurisdizzjoni", jinkludi b'mod partikolari l-Artikoli 4 u 13 tiegħu.

5 L-Artikolu 4 tal-imsemmi regolament, intitolat "Ġuriżdizzjoni ġenerali", jipprovdi:

"Il-qrati tal-Istat Membru li fih id-deċedut kellu r-residenza abitwali tiegħu fil-mument tal-mewt għandu jkollhom ġuriżdizzjoni biex jiddeċiedu dwar is-suċċessjoni fl-intier tagħha."

6 L-Artikolu 13 tal-istess regolament, intitolat "Aċċettazzjoni jew rinunzja tas-suċċessjoni, ta' legat jew ta' sehem riżervat", jipprovdi:

"Minbarra l-qorti li jkollha ġuriżdizzjoni biex tiddeċiedi dwar is-suċċessjoni skont dan ir-Regolament, il-qrati tal-Istat Membru tar-residenza abitwali ta' kwalunkwe persuna li, taħt il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni, tista' tagħmel, quddiem qorti, dikjarazzjoni li tirrigwarda l-aċċettazzjoni jew ir-rinunzja tas-suċċessjoni, ta' legat jew ta' sehem riżervat, jew dikjarazzjoni mfassla biex tillimita r-responsabbiltà tal-persuna kkonċernata fir-rigward tad-djun skont is-suċċessjoni, għandu jkollha ġuriżdizzjoni biex tirċievi dikjarazzjonijiet bħal dawn fejn, taħt il-liġi ta' dak l-Istat Membru, dikjarazzjonijiet bħal dawn jistgħu jsiru quddiem qorti."

7 Il-Kapitolu III tar-Regolament Nru 650/2012, intitolat "Il-Liġi applikabbli", jinkludi fih b'mod partikolari l-Artikoli 21, 23 u 28 tiegħu.

8 L-Artikolu 21 tal-imsemmi regolament, intitolat "Regola ġenerali", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Dment li ma jkunx previst mod ieħor f'dan ir-Regolament, il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni tad-deċedut fl-intier tagħha għandha tkun il-liġi tal-Istat li fih id-deċedut kellu r-residenza abitwali tiegħu fil-mument tal-mewt."

9 L-Artikolu 23 tal-imsemmi regolament, intitolat "Il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi applikabbli", jipprovdi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Il-liġi determinata skont l-Artikolu 21 jew l-Artikolu 22 għandha tirregola s-suċċessjoni fl-intier tagħha.

2. Dik il-liġi tirregola, b'mod partikolari:

[…]

(e) it-trasferiment lill-eredi u, skont il-każ, lil-legatarji tal-assi, d-drittijiet u l-obbligi li jagħmlu parti mill-patrimonju, inklużi l-kondizzjonijiet u l-effetti tal-aċċettazzjoni jew ir-rinunzja tas-suċċessjoni jew tal-legat;

[…]"

10 L-Artikolu 28 tal-istess regolament, intitolat "Validità rigward il-forma ta' dikjarazzjoni dwar aċċettazzjoni jew rinunzja", jipprovdi:

"Dikjarazzjoni dwar l-aċċettazzjoni jew ir-rinunzja tas-suċċessjoni, ta' legat jew ta' sehem riżervat jew ta' dikjarazzjoni mfassla biex tillimita r-responsabbiltà tal-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni għandha tkun valida rigward il-forma jekk tissodisfa r-rekwiżiti ta':

(a) il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni skont l-Artikolu 21 jew l-Artikolu 22; jew

(b) il-liġi tal-Istat fejn il-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni għandha r-residenza abitwali tagħha."

Id-dritt Ġermaniż

11 L-Artikolu 1942 tal-Bürgerliches Gesetzbuch (il-Kodiċi Ċivili), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"BGB"), intitolat "Devoluzzjoni u rinunzja tas-suċċessjoni", jipprovdi:

"1. Is-suċċessjoni hija ttrasferita lill-werrieta indikati mingħajr preġudizzju għad-dritt tagħhom li jirrinunzjaw għaliha (devoluzzjoni tas-suċċessjoni).

[…]"

12 Skont l-Artikolu 1943 tal-BGB, intitolat "Aċċettazzjoni u rinunzja tas-suċċessjoni":

"Il-werriet ma jistax jirrinunzja għas-suċċessjoni jekk ikun aċċettaha jew jekk it-terminu ffissat biex tiġi rrinunzjata jkun skada; fl-iskadenza ta' dan it-terminu, is-suċċessjoni titqies li ġiet aċċettata."

13 L-Artikolu 1944 tal-BGB, intitolat "Terminu għar-rinunzja", jipprovdi:

"1. Ir-rinunzja ma tistax isseħħ ħlief f'terminu ta' sitt ġimgħat.

2. Dan it-terminu jibda jiddekorri mill-mument li fih il-werriet ikun sar jaf bid-devoluzzjoni u bit-titolu tiegħu għas-suċċessjoni. […]

3. It-terminu jiġi estiż għal sitt xhur jekk id-*decuius* kellu l-aħħar domiċilju tiegħu esklużivament barra mill-pajjiż jew jekk il-werriet ikollu r-residenza tiegħu barra mill-pajjiż fil-mument meta beda jiddekorri t-terminu."

14 L-Artikolu 1945 tal-BGB, intitolat "Forma tar-rinunzja", jistabbilixxi:

"Ir-rinunzja ssir permezz ta' dikjarazzjoni lill-qorti tas-suċċessjoni; id-dikjarazzjoni għandha titniżżel fi proċess verbal tal-qorti tas-suċċessjoni jew f'forma awtentikata b'mod uffiċjali.

[…]”

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

15 W.N., ċittadin tal-Pajjiżi l-Baxxi, li l-aħħar residenza abitwali tiegħu kienet fil-Ġermanja, miet fil-21 ta’ Mejju 2018 fi Bremen (il-Ġermanja).

16 Fil-21 ta’ Jannar 2019, E.G, li kienet il-konjuġi ta’ W.N. u li tirrisjedi fil-Ġermanja, talbet, quddiem l-Amtsgericht Bremen (il-Qorti Distrettwali ta’ Bremen, il-Ġermanja), il-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar is-suċċessjoni ta’ W.N., il-ħruġ ta’ ċertifikat ta’ eredità, li bih, permezz ta’ suċċessjoni *ab intestato*, hija wirtet it-tliet kwarti tas-suċċessjoni ta’ W.N., u n-neputijiet tad-*decujus*, li t-tnejn jirrisjedu fil-Pajjiżi l-Baxxi, wirtu kull wieħed parti minn tmienja ta’ din is-suċċessjoni.

17 Permezz ta’ ittra tad-19 ta’ Ġunju 2019, din il-qorti informat lin-neputijiet tad-*decujus* li kienet għaddejja proċedura ta’ suċċessjoni *ab intestato* u talbithom jibagħtulha ċerti dokumenti għall-finijiet tal-ħlas tas-suċċessjoni.

18 Fit-13 ta’ Settembru 2019, in-neputijiet tad-*decujus* ipproduċew dikjarazzjoni dwar ir-rinunzja tas-suċċessjoni tad-*decujus* quddiem il-rechtbank Den Haag (il-Qorti ta’ Den Haag, il-Pajjiżi l-Baxxi), li ġiet irreġistrata fir-reġistru tas-suċċessjonijiet hemmhekk fit-30 ta’ Settembru 2019.

19 Permezz ta’ ittra tat-22 ta’ Novembru 2019, l-Amtsgericht Bremen (il-Qorti Distrettwali ta’ Bremen) ikkomunikat it-talba għaċ-ċertifikat ta’ eredità lin-neputijiet tad-*decujus* u stednithom jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom.

20 Permezz ta’ ittra tat-13 ta’ Diċembru 2019, redatta bl-Olandiż, in-neputijiet bagħtu lill-Amtsgericht Bremen (il-Qorti Distrettwali ta’ Bremen) kopji tad-dokumenti redatti mir-Rechtbank Den Haag (il-Qorti ta’ Den Haag) wara d-dikjarazzjonijiet tagħhom dwar ir-rinunzja tas-suċċessjoni tad-*decujus*. Permezz ta’ ittra tat-3 ta’ Jannar 2020, l-Amtsgericht Bremen (il-Qorti Distrettwali ta’ Bremen) informat lin-neputijiet tad-*decujus* li, fin-nuqqas ta’ traduzzjoni bil-Ġermaniż, l-ittra tagħhom, inklużi l-atti ppreżentati, ma setgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni.

21 Permezz ta’ ittra tal-15 ta’ Jannar 2020, redatta bil-Ġermaniż, N.N. informa lill-Amtsgericht Bremen (il-Qorti Distrettwali ta’ Bremen) li ħuh u hu kienu rrinunzjaw għas-suċċessjoni tad-*decujus*, li, skont id-dritt tal-Unjoni, id-dikjarazzjoni relatata ma’ din ir-rinunzja kienet ġiet irreġistrata fil-lingwa Olandiża mill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti u li, għaldaqstant, ma kienet neċessarja ebda traduzzjoni fil-lingwa Ġermaniża tad-dokumenti inkwistjoni. Bħala tweġiba, din il-qorti fakkret fil-ħtieġa li l-atti rilevanti inkwistjoni jiġu tradotti kif ukoll li jiġu osservati t-termini stabbiliti għar-rinunzja tas-suċċessjoni.

22 Permezz ta’ digriet tas-27 ta’ Frar 2020, l-Amtsgericht Bremen (il-Qorti Distrettwali ta’ Bremen) stabbilixxiet il-fatti neċessarji għall-ħruġ taċ-ċertifikat ta’ eredità, konformement mat-talba ta’ E.G., u ddeċidiet li n-neputijiet tad-*decujus* kienu tqiesu bħala li aċċettaw is-suċċessjoni.

23 Dawn tal-aħħar ippreżentaw rikors kontra dan id-digriet u talbu estensjoni tat-terminu għall-produzzjoni ta’ provi addizzjonali. Fit-30 ta’ Lulju 2020, huma kkomunikaw lill-Amtsgericht Bremen (il-Qorti Distrettwali ta’ Bremen) kopja bil-kulur kif ukoll traduzzjoni

bil-lingwa Ġermaniża tal-atti stabbiliti mir-rechtbank Den Haag (il-Qorti ta' Den Haag). Wara li l-Amtsgericht Bremen (il-Qorti Distrettwali ta' Bremen) indikatilhom l-assenza ta' komunikazzjoni tal-kopji oriġinali ta' dawn l-atti, dawn ġew ikkomunikati lilha fis-17 ta' Awwissu 2020.

24 Permezz ta' digriet tat-2 ta' Settembru 2020, l-Amtsgericht Bremen (il-Qorti Distrettwali ta' Bremen) ċaħdet ir-rikors u rrinvijat il-kawża lura quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Hanseatisches Oberlandesgericht in Bremen (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Bremen, il-Ġermanja), fejn ikkonstatat li, peress li n-neputijiet tad-*decujus* ma kinux irrinunzjaw għas-suċċessjoni tad-*decujus* fit-terminu mogħti, huma kienu meqjusa li aċċettaw din is-suċċessjoni. Sabiex id-dikjarazzjoni dwar ir-rinunzja għas-suċċessjoni tkun valida, ma huwiex biżżejjed li l-qorti Ġermaniża kompetenti tkun sempliċement informata b'din id-dikjarazzjoni magħmula quddiem il-qorti tal-Pajjiżi l-Baxxi inkwistjoni, u lanqas li hija tkun id-destinatarja ta' kopja tal-atti rilevanti, iżda huwa meħtieġ li hija jkollha l-atti oriġinali rilevanti. Issa, dawn waslulha biss wara l-iskadenza tat-terminu ta' sitt xhur previst fl-Artikolu 1944(3) tal-BGB.

25 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fil-każ fejn il-werriet jagħmel dikjarazzjoni dwar ir-rinunzja għas-suċċessjoni quddiem il-qorti kompetenti tal-post ta' residenza abitwali tiegħu, skont l-Artikoli 13 u 28 tar-Regolament Nru 650/2012, liema huma l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex titqies stabbilita fi żmien utli din id-dikjarazzjoni li, skont il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni, għandha ssir f'ċertu terminu quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar is-suċċessjoni.

26 Il-qorti tar-rinviju tirrileva, f'dan ir-rigward, l-eżistenza, fil-Ġermanja, ta' diverġenza fid-dottrina u fil-ġurisprudenza dwar il-validità tad-dikjarazzjoni dwar ir-rinunzja għas-suċċessjoni ppreżentata quddiem qorti ta' Stat Membru li ma hijiex dik li bħala prinċipju għandha l-ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi dwar is-suċċessjoni. Skont l-ewwel linja dottrinali u ġurisprudenzjali, li hija maġġoritarja, il-validità ta' tali dikjarazzjoni quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar is-suċċessjoni tinkiseb mis-sempliċi fatt li din issir quddiem il-qorti tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-werriet.

27 Skont it-tieni linja dottrinali u ġurisprudenzjali, id-dikjarazzjoni dwar ir-rinunzja għas-suċċessjoni tkun valida biss jekk tiġi ttrasferita fil-forma korretta u dovuta lill-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar is-suċċessjoni jew, fi kwalunkwe każ, miġjuba għall-attenzjoni ta' din tal-aħħar. F'dan ir-rigward, mill-premessa 32 tar-Regolament Nru 650/2012 jirriżulta li, għal-leġiżlatur tal-Unjoni, tali dikjarazzjoni tista' tipproduċi l-effetti tagħha biss wara li tkun ġiet mgħarrfa lil din il-qorti. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 650/2012, kuntrarjament għad-dritt Ġermaniż, ma jipprevedix obbligu għall-qorti tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-werriet li tagħmel id-dikjarazzjoni dwar ir-rinunzja għas-suċċessjoni magħmula quddiemha lill-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar is-suċċessjoni.

28 Il-qorti tar-rinviju tindika li, fil-kawża prinċipali, jekk jiġi segwit l-approċċ imsemmi fil-punt 26 ta' din is-sentenza, id-dikjarazzjoni dwar ir-rinunzja għas-suċċessjoni inkwistjoni titqies li hija valida mill-ġurnata li fiha saret min-neputijiet tad-*decujus* quddiem ir-rechtbank Den Haag (il-Qorti ta' Den Haag), jiġifieri fit-13 ta' Settembru 2019. Għaldaqstant, f'dan il-każ, it-terminu ta' sitt xhur previst fl-Artikolu 1944(3) tal-BGB, għar-rinunzja tas-suċċessjoni, li jibda jiddekorri mid-data li fiha l-werriet isir jaf bid-devoluzzjoni tas-suċċessjoni, kien ġie osservat min-neputijiet tad-*decujus*.

29 Skont l-approċċ l-ieħor imsemmi fil-punt 27 ta' din is-sentenza, il-validità tad-dikjarazzjoni dwar ir-rinunzja għas-suċċessjoni inkwistjoni tista' tiddependi fuq id-data li fiha l-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar is-suċċessjoni saret taf b'din id-dikjarazzjoni. Madankollu tqum il-kwistjoni tal-kundizzjonijiet proċedurali li hija suġġetta għalihom il-validità ta' tali dikjarazzjoni, u b'mod partikolari dik dwar jekk huwiex biżżejjed li l-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar is-suċċessjoni tiġi informata dwar l-eżistenza ta' tali dikjarazzjoni, li jintbagħatulha kopji tal-atti rilevanti jew li tiġi kkomunikata lilha informazzjoni redatta fil-lingwa ta' din id-dikjarazzjoni, jew jekk għall-kuntrarju għandhomx jiġu trażmessi lil din il-qorti l-oriġinali tal-atti relatati mar-rinunzja stabbiliti mill-qorti ta' Stat Membru ieħor kif ukoll traduzzjoni ċċertifikata fil-lingwa tal-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar is-suċċessjoni.

30 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Hanseatisches Oberlandesgericht in Bremen (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Bremen) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Id-dikjarazzjoni dwar ir-rinunzja magħmula minn werriet quddiem il-qorti ta' Stat Membru li għandha ġurisdizzjoni għar-residenza abitwali tiegħu, li tosserva r-rekwiżiti formali applikabbli quddiem din il-qorti, tissostitwixxi d-dikjarazzjoni dwar ir-rinunzja li għandha ssir quddiem il-qorti ta' Stat Membru ieħor, li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar is-suċċessjoni wara mewt, b'tali mod li l-validità ta' din id-dikjarazzjoni titqies li ġiet fis-seħħ fid-data li fiha saret l-imsemmija dikjarazzjoni (sostituzzjoni)?

2) Fil-każ li l-ewwel domanda għandha tingħata risposta fin-negattiv:

Il-werriet li jirrinunzja u li, b'osservanza tar-rekwiżiti formali, jagħmel dikjarazzjoni dwar ir-rinunzja quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni għar-residenza abitwali tiegħu għandu, barra minn hekk, sabiex din id-dikjarazzjoni tkun valida, jinforma b'dan lill-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar is-suċċessjoni wara mewt?

3) Fil-każ li l-ewwel domanda għandha tingħata risposta fin-negattiv, u t-tieni domanda, risposta fl-affermattiv:
   a) Il-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar is-suċċessjoni wara mewt għandha tiġi indirizzata fil-lingwa tal-forum sabiex id-dikjarazzjoni dwar ir-rinunzja tkun valida, b'mod partikolari fir-rigward tal-osservanza tat-termini stabbiliti għar-rinunzja mis-suċċessjoni quddiem dik il-qorti?
   b) L-oriġinali kif ukoll traduzzjoni tal-atti dwar ir-rinunzja maħruġa mill-qorti li għandha ġurisdizzjoni għar-residenza abitwali tal-werriet li jirrinunzja għandhom jiġu sottomessi lill-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar is-suċċessjoni wara mewt sabiex id-dikjarazzjoni dwar ir-rinunzja tkun valida, b'mod partikolari fir-rigward tal-osservanza tat-termini stabbiliti għar-rinunzja mis-suċċessjoni quddiem dik il-qorti?"

Fuq id-domandi preliminari

Osservazzjonijiet preliminari

31 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, huwa l-kompitu ta' din tal-aħħar li tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tippermettilha taqta' l-kawża li jkollha

quddiemha. F'din il-perspettiva, jekk ikun meħtieġ, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tifformula mill-ġdid id-domandi magħmula lilha (sentenza tas-26 ta' Ottubru 2021, PL Holdings, C-109/20, EU:C:2021:875, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jirrigwarda l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex dikjarazzjoni dwar ir-rinunzja għas-suċċessjoni, fis-sens tal-Artikoli 13 u 28 tar-Regolament Nru 650/2012, magħmula quddiem il-qorti tal-Istat tar-residenza abitwali tal-werriet li jirrinunzja titqies bħala valida. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tistaqsi b'mod partikolari dwar il-kwistjoni jekk u, jekk ikun il-każ, meta u kif tali dikjarazzjoni għandha tingħieb għall-attenzjoni tal-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar is-suċċessjoni.

33 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li n-neputijiet tad-*decujus* iddikjaraw, fit-13 ta' Settembru 2019, li rrinunzjaw għas-suċċessjoni tad-*decujus* quddiem qorti tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tagħhom, jiġifieri r-rechtbank Den Haag (il-Qorti ta' Den Haag, il-Pajjiżi l-Baxxi). Fit-13 ta' Diċembru 2019, huma informaw lill-qorti Ġermaniża li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar is-suċċessjoni, permezz ta' ittra redatta bl-Olandiż, bl-eżistenza ta' din id-dikjarazzjoni, billi annettew kopja tal-atti stabbiliti mill-qorti tal-Pajjiżi l-Baxxi. Fil-15 ta' Jannar 2020, huma informaw mill-ġdid lill-qorti Ġermaniża, iżda permezz ta' ittra redatta bil-Ġermaniż, bl-eżistenza tal-imsemmija dikjarazzjoni. It-traduzzjoni bil-Ġermaniż u l-oriġinali tal-atti stabbiliti mill-qorti tal-Pajjiżi l-Baxxi, min-naħa l-oħra, waslu għand il-qorti Ġermaniża biss fis-17 ta' Awwissu 2020, jiġifieri wara l-iskadenza tat-terminu stabbilit previst mid-dritt applikabbli għas-suċċessjoni.

34 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li, permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 13 u 28 tar-Regolament Nru 650/2012 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li dikjarazzjoni dwar ir-rinunzja għas-suċċessjoni magħmula minn werriet quddiem il-qorti tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tiegħu titqies li hija valida fir-rigward tal-forma meta r-rekwiżiti formali applikabbli quddiem din il-qorti jkunu ġew osservati, mingħajr ma jkun neċessarju, għall-finijiet ta' din il-validità, li hija tissodisfa r-rekwiżiti formali meħtieġa mil-liġi applikabbli għas-suċċessjoni.

Fuq il-mertu

35 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, mir-rekwiżiti kemm tal-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll tal-prinċipju ta' ugwaljanza jirriżulta li t-termini ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ma tagħmel ebda riferiment espliċitu għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġu ddeterminati t-tifsira u l-portata tagħha għandhom normalment jingħataw, fl-Unjoni kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi li għandha tiġi ddeterminata billi jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem, iżda wkoll il-kuntest tad-dispożizzjoni u tal-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni [sentenzi tal-1 ta' Marzu 2018, Mahnkopf, C-558/16, EU:C:2018:138, punt 32, u tad-9 ta' Settembru 2021, UM (Kuntratt li jittrasferixxi proprjetà *causa mortis*), C-277/20, EU:C:2021:708, punt 29].

36 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-kliem tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni u tal-kuntest tagħhom, għandu jitfakkar li l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 650/2012 jifforma parti mill-Kapitolu II ta' dan ir-regolament, li jirregola l-kapijiet kollha ta' ġurisdizzjoni fil-qasam tas-suċċessjoni. Konformement ma' din id-dispożizzjoni, minbarra l-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar is-suċċessjoni skont l-imsemmi regolament, il-qrati tal-Istat Membru tar-residenza abitwali ta' kull persuna li, skont il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni, tista' tagħmel dikjarazzjoni dwar l-aċċettazzjoni tas-suċċessjoni, ta' legat jew ta' riżerva ereditarja jew

ir-rinunzja għalihom, jew dikjarazzjoni intiża li tillimita r-responsabbiltà tal-persuna kkonċernata fir-rigward tad-djun tas-suċċessjoni, għandhom ġurisdizzjoni sabiex jirċievu dawn id-dikjarazzjonijiet.

37 Dan l-Artikolu 13 jipprevedi għalhekk forum alternattiv ta' ġurisdizzjoni li huwa intiż li jippermetti lill-werrieta, li ma għandhomx ir-residenza abitwali tagħhom fl-Istat Membru li l-qrati tiegħu għandhom ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedu dwar is-suċċessjoni, skont ir-regoli ġenerali tal-Artikoli 4 sa 11 tar-Regolament Nru 650/2012, li jagħmlu d-dikjarazzjonijiet tagħhom dwar l-aċċettazzjoni tas-suċċessjoni jew dwar ir-rinunzja għaliha quddiem qorti tal-Istat Membru li fih għandhom ir-residenza abitwali tagħhom.

38 L-imsemmija regola ta' ġurisdizzjoni hija kkompletata minn regola ta' kunflitt tal-liġijiet li tinsab fl-Artikolu 28 tar-Regolament Nru 650/2012, li tifforma parti mill-Kapitolu III tiegħu li jirregola l-liġi applikabbli u li jirregola speċifikament il-validità fir-rigward tal-forma ta' tali dikjarazzjonijiet. Konformement ma' dan l-artikolu, dawn huma validi fir-rigward tal-forma meta jkunu josservaw, skont il-punt (a) tiegħu, ir-rekwiżiti tal-liġi applikabbli għas-suċċessjoni (*lex succesonis*), jew, skont il-punt (b) tagħha, dawk tal-liġi tal-Istat li fih il-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni msemmija għandha r-residenza abitwali tagħha.

39 Mill-kliem tal-Artikolu 28 tar-Regolament Nru 650/2012 jista' jiġi dedott li din id-dispożizzjoni hija maħsuba b'mod li tirrikonoxxi l-validità ta' dikjarazzjoni dwar ir-rinunzja għas-suċċessjoni jew meta l-kundizzjonijiet stabbiliti mil-liġi tas-suċċessjoni jkunu ssodisfatti meta din tkun applikabbli, jew meta l-kundizzjonijiet previsti mil-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-werriet li jirrinunzja jkunu ssodisfatti meta din tal-aħħar tkun applikabbli.

40 F'dan ir-rigward, minn qari flimkien tal-Artikoli 13 u 28 tar-Regolament Nru 650/2012 – kif irrileva, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punt 58 tal-konklużjonijiet tiegħu – jirriżulta li teżisti korrelazzjoni stretta bejn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet, b'tali mod li l-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-werriet sabiex jirċievu d-dikjarazzjonijiet dwar ir-rinunzja għas-suċċessjoni hija suġġetta għall-kundizzjoni li l-liġi tas-suċċessjoni fis-seħħ f'dan l-Istat tipprevedi l-possibbiltà li ssir tali dikjarazzjoni quddiem qorti. Peress li din il-kundizzjoni hija ssodisfatta, l-atti kollha li għandhom jitwettqu quddiem qorti tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-werriet li jixtieq jagħmel tali dikjarazzjoni huma ddeterminati mil-liġi ta' dan l-Istat Membru.

41 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-għanijiet imfittxija mir-Regolament Nru 650/2012, tali qari tal-Artikoli 13 u 28 ta' dan ir-regolament huwa kkonfermat mill-premessa 32 tiegħu li tgħid li l-għan ta' dawn id-dispożizzjonijiet huwa li "titħaffef il-ħajja tal-eredi u l-legatarji li għandhom ir-residenza abitwali tagħhom fi Stat Membru apparti minn dak li fih is-suċċessjoni qed tiġi jew ser tiġi ttrattata". Għal dan il-għan, skont din l-istess premessa, l-imsemmi regolament għandu jippermetti lil kull persuna li jkollha d-dritt, skont il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni, li tagħmel ċerti dikjarazzjonijiet dwar is-suċċessjoni, fosthom ukoll ir-rinunzja tagħha, fil-forma prevista mil-liġi tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tagħha, quddiem il-qrati tal-imsemmi Stat Membru. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ppreċiżat, f'dan ir-rigward, li l-Artikolu 13 tal-istess regolament, moqri fid-dawl tal-premessa 32 tiegħu, huwa intiż li jissemplifika l-passi tal-werrieta u tal-legatarji billi jidderoga mir-regoli ta' ġurisdizzjoni stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 11 tiegħu (sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Oberle, C-20/17, EU:C:2018:485, punt 42).

42 Tali interpretazzjoni hija, barra minn hekk, ikkorroborata mill-għan tar-Regolament Nru 650/2012 li, skont il-premessa 7 tiegħu, jiffaċilita l-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi jelimina l-ostakoli għall-moviment liberu tal-persuni li jridu jinvokaw id-drittijiet tagħhom li jirriżultaw minn suċċessjoni transkonfinali. B'mod partikolari, fl-ispazju Ewropew ta' ġustizzja, id-drittijiet tal-werrieta u tal-legatarji, tal-persuni l-oħra qraba tad-*decujus* kif ukoll tal-kredituri tas-suċċessjoni għandhom jiġu ggarantiti b'mod effettiv (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-1 ta' Marzu 2018, Mahnkopf, C-558/16, EU:C:2018:138, punt 35, kif ukoll tal-1 ta' Lulju 2021, Vorarlberger Landes- und Hypotheken-Bank, C-301/20, EU:C:2021:528, punti 27 u 34).

43 Għalhekk, fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet dwar ir-rinunzja għas-suċċessjoni magħmula quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 650/2012, l-Artikolu 28(b) ta' dan ir-regolament jiggarantixxi li din il-possibbiltà mogħtija lill-werriet li jirrisjedi abitwalment fi Stat Membru differenti minn dak tal-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar suċċessjoni tkun effettiva.

44 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, fid-dawl tal-portata limitata tal-ġurisdizzjoni tal-qorti msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 650/2012, kull interpretazzjoni oħra intiża sabiex tirrestrinġi l-validità fir-rigward tal-forma ta' dikjarazzjoni dwar ir-rinunzja għas-suċċessjoni, b'mod partikolari, billi tissuġġettaha għar-rekwiżiti proċedurali tal-liġi applikabbli għas-suċċessjoni, ikollha l-effett li ċċaħħad id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13 u tal-Artikolu 28(b) ta' dan ir-regolament minn kull effett utli kif ukoll li tippreġudika l-għanijiet tal-imsemmi regolament kif ukoll il-prinċipju ta' ċertezza legali.

45 Konsegwentement, kif enfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punt 64 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-osservanza tal-għan tar-Regolament Nru 650/2012 li jippermetti lill-werrieta jagħmlu dikjarazzjonijiet dwar ir-rinunzja għas-suċċessjoni fl-Istat Membru tar-residenza abitwali tagħhom, timplika li dawn il-werrieta ma għandhomx jissodisfaw formalitajiet oħra quddiem il-qrati ta' Stati Membri oħra għajr dawk previsti mil-liġi tal-Istat Membru fejn issir tali dikjarazzjoni, sabiex tali dikjarazzjonijiet jitqiesu li huma validi.

46 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar il-komunikazzjoni tal-imsemmija dikjarazzjonijiet lill-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar is-suċċessjoni, għandu jiġi osservat li mill-aħħar sentenza tal-premessa 32 tar-Regolament Nru 650/2012 jirriżulta li "[p]ersuni li jagħżlu li jiddisponu ruħhom mill-possibbiltà li jagħmlu dikjarazzjonijiet fl-Istat Membru tar-residenza abitwali tagħhom għandhom huma nfushom jinformaw lill qorti jew lill-awtorità li qed jew tkun ser tittratta s-suċċessjoni bl-eżistenza ta' tali dikjarazzjonijiet fi kwalunkwe żmien stabbilit mil-liġi applikabbli għas-suċċessjoni".

47 Din l-aħħar sentenza tal-premessa 32 tar-Regolament Nru 650/2012 tagħti x'tifhem, qabel kollox, li, skont il-leġiżlatur tal-Unjoni, huwa neċessarju li d-dikjarazzjoni dwar ir-rinunzja għas-suċċessjoni magħmula quddiem qorti tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-werriet li jirrinunzja tiġi mgħarrfa lill-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar is-suċċessjoni. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li la l-Artikolu 13 u lanqas l-Artikolu 28 ta' dan ir-regolament ma jipprevedu mekkaniżmu ta' trażmissjoni ta' tali dikjarazzjonijiet mill-qorti tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-werriet li jirrinunzja lill-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar is-suċċessjoni. Madankollu, din il-premessa 32 tippreżumi li l-persuni li użaw il-possibbiltà li jagħmlu tali dikjarazzjonijiet fl-Istat Membru tar-residenza abitwali tagħhom jassumu r-responsabbiltà li jikkomunikaw l-eżistenza ta' dawn id-dikjarazzjonijiet lill-awtoritajiet inkarigati mis-suċċessjoni.

48 Għalhekk, fl-assenza ta' sistema uniformi fid-dritt tal-Unjoni li tipprevedi t-trażmissjoni tad-dikjarazzjonijiet dwar is-suċċessjoni lill-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar is-suċċessjoni, l-aħħar sentenza tal-premessa 32 tar-Regolament Nru 650/2012 għandha tinftiehem fis-sens li hija l-persuna li tkun għamlet dikjarazzjoni dwar ir-rinunzja għas-suċċessjoni li għandha twettaq il-passi neċessarji sabiex il-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar is-suċċessjoni tieħu konjizzjoni tal-eżistenza ta' dikjarazzjoni valida. Madankollu, fl-assenza, fit-terminu stabbilit mil-liġi applikabbli għas-suċċessjoni, ta' twettiq ta' dawn il-passi, il-validità ta' tali dikjarazzjoni ma tistax tiġi kkontestata.

49 Għalhekk, id-dikjarazzjoni dwar ir-rinunzja għas-suċċessjoni magħmula minn werriet quddiem il-qorti tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tiegħu, fl-osservanza tar-rekwiżiti formali applikabbli quddiem din il-qorti, għandha tipproduċi effetti legali quddiem il-qorti kompetenti sabiex tiddeċiedi dwar is-suċċessjoni sakemm din tal-aħħar tkun saret taf bl-eżistenza ta' din id-dikjarazzjoni, mingħajr ma tali dikjarazzjoni tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet proċedurali addizzjonali meħtieġa mil-liġi applikabbli għas-suċċessjoni.

50 F'dan il-każ, mill-elementi pprovduti mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li n-neputijiet tad-*decujus* għamlu dikjarazzjoni dwar ir-rinunzja għas-suċċessjoni tad-*decujus* quddiem qorti tal-Pajjiżi l-Baxxi b'osservanza tar-rekwiżiti formali applikabbli quddiem din il-qorti, u li l-Amtsgericht Bremen (il-Qorti Distrettwali ta' Bremen) saret taf bl-eżistenza ta' din id-dikjarazzjoni qabel ma ddeċidiet dwar is-suċċessjoni. Għaldaqstant, jidher li din l-aħħar qorti kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-imsemmija dikjarazzjoni, indipendentement mill-osservanza tar-rekwiżiti l-oħra jew tal-kjarifiki meqjusa neċessarji minn din il-qorti Ġermaniża sabiex tali dikjarazzjoni titqies bħala valida. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-premessa 67 tar-Regolament Nru 650/2012, il-werrieta għandhom ikunu jistgħu jipprovaw faċilment l-istatus u/jew id-drittijiet u s-setgħat tagħhom sabiex "suċċessjoni b'implikazzjonijiet transkonfinali fl-Unjoni tiġi riżolta b'mod rapidu, mingħajr xkiel u effettiv".

51 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li l-Artikoli 13 u 28 tar-Regolament Nru 650/2012 għandhom jiġu interpretati fis-sens li dikjarazzjoni dwar ir-rinunzja għas-suċċessjoni magħmula minn werriet quddiem qorti tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tiegħu titqies li hija valida fir-rigward tal-forma meta r-rekwiżiti formali applikabbli quddiem din il-qorti jkunu ġew osservati, mingħajr ma jkun neċessarju, għall-finijiet ta' din il-validità, li hija tissodisfa r-rekwiżiti formali meħtieġa mil-liġi applikabbli għas-suċċessjoni.

Fuq l-ispejjeż

52 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikoli 13 u 28 tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, għandhom jiġu

interpretati fis-sens li dikjarazzjoni dwar ir-rinunzja għas-suċċessjoni magħmula minn werriet quddiem qorti tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tiegħu titqies valida fir-rigward tal-forma meta r-rekwiżiti formali applikabbli quddiem din il-qorti jkunu ġew osservati, mingħajr ma jkun neċessarju, għall-finijiet ta' din il-validità, li hija tissodisfa r-rekwiżiti formali meħtieġa mil-liġi applikabbli għas-suċċessjoni.

Firem